5 ta' April, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Giuseppe Briffa et. *versus* Angelo Tabone et.**

**Lokazzjoni d'Opera — Appalt — Bennejja — Mastrudaxxi — Ħaddiema — Art. 1737 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-bennejja, mastrudaxxi u artiġjani oħra, li jillokaw l-opera tagħhom favur appaltatur, għandhom azzjoni diretta kontra l-appaltant biex jitħallsu ta' dak li jkollhom jieħdu minn għand l-appaltatur, limitatament għal dak li l-appaltatur ikun baqagħlu jieħu minn għand l-appaltant.*

*Iżda din hija dispożizzjoni eċċezzjonali, li ma tammettix interpretazzjoni estensiva; u għalhekk mhix applikabili għas-subappaltaturi u kottimisti, avvolja dawn is-subappaltaturi u kottimisti jkunu kkonkorrew fl-eżekuzzjoni materjali tax-xogħol jew opera li tkun ġiet kommessa mill-appaltant lill-appaltatur li minn għandu jkunu ħadu s-subappalt jew xogħol bħala kottimisti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu kundannati jħallsu lilhom, nofs kull wieħed minnhom, is-somma ta' £55. 8. 4 għall-kwota tagħhom mill-prezz tax-xogħlijiet ta' tibjid, bjut u żebgħa, magħmula mill-attur Giuseppe Briffa, u ta' xogħol ta' l-injam u ħġieġ magħmula mill-attur Domenico Briffa, fil-fond nru. 10 Strada Conservatorio, Floriana, pertinenti lill-istess atturi u lil ħuhom Gio Maria, li ħallas il-kwota tiegħu. Bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju 1948;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda tal-konvenuti jirriżulta li x-xogħol in kwistjoni ġie mill-istess konvenuti u minn ħuhom Gio Maria Tabone mogħti lill-imsemmi Michele Pullicino, li assuma li jeżegwixxi dan ix-xogħol u jitħallas mill-War Damage Commission per mezz ta' mandati............ u li Pullicino dejjem id-diporta ruħu b'mod li tah x'jifhem li hu ndaħal bħala kuntrattur;

Illi dana huwa mwettaq minn diversi ċirkustanzi, riżultanti............;

Illi għalhekk għandha tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi huma qatt ma kellhom rapporti ma' l-atturi, li ġew imqabbdin, kif jirriżulta, mill-imsemmi Pullicino li assuma l-appalt ta' l-istess xogħlijiet, kien x'kien il-profitt sperat minnu, anki jekk kien jikkonsisti..........;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ preżenti ma jistax jingħad li l-atturi ddiriġew l-azzjoni tagħhom għali-ħlas tal-bilanċ lilhom dovut in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 1737 tal-Kodiċi Ċivili; u dan għaliex huma ma ppretendewx li huma għandhom jitħallsu minn għand il-konvenuti għaliex dawn, meta huma mexxew l-azzjoni, kellhom jagħtu lill-appaltatur; imma, għall-kuntrarju, iddiriġew l-azzjoni tagħhom kontra l-konvenuti għaliex ippretendew li ma hemmx kuntrattur u li kellhom jitħallsu direttament mill-konvenuti;

Illi però, anki kieku l-atturi mexxew l-azzjoni tagħhom kontra l-konvenuti in bażi għall-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, dina l-azzjoni ma setgħux isostnuha; għar-raġuni illi jirriżulta mill-provi, anki mid-depożizzjoni ta' l-istess atturi, illi dawn ma kienux sempliċi lokaturi d'opera, peress illi ġew imqabbdin minn Pullicino biex jagħmlu x-xogħlijiet li huwa kien assuma l-obligu li jeżegwixxi, u jitħallsu skond il-prezzijiet tat-tariffa governativa; u huwa intant paċifiku illi d-dispożizzjoni taċ-ċitat artikolu 1737 tal-Kodiċi Ċivili hija dispożizzjoni eċċezzjonali, u kwindi ta' interpretazzjoni restrittiva, u għalhekk l-applikazzjoni tagħha ma testendix ruħha ħlief għas-sempliċi "locatore di opere", li għalih jirriferixxi ruħu ċ-ċitat artikolu, kif jidher mill-kliem minnu użat meta jitkellem fuq il-bennejja, il-mastrudaxxi, u artiġjani oħra; u dik id-dispożizzjoni kwindi ma tapplikax mhux biss għas-subappaltaturi, imma lanqas għall-kottimisti. L-imsemmija azzjoni diretta u personali konċessa bl-artikolu fuq imsemmi hija "di stretto diritto", u ma tikkompetix lil ħadd ieħor ħlief lill-lokatur ta' l-opra, avvolja oħrajn bħal kottimisti u s-subappaltaturi jkunu kkonkorrew fl-eżekuzzjoni materjali tax-xogħol jew ta' l-opera (Vol. XVIII—I—56; Fadda, Vol. IX, pag. 586 u 587);

Illi inoltri, fil-każ preżenti, l-imsemmi Pullicino, wara l-akkont li rċieva minn għand il-konvenuti u ħuhom, kellu jit-

ħallas per mezz ta' mandati mill-War Damage Commission............; u allura għandu jiġi ritenut illi, peress li kien hemm dak il-ftehim, il-konvenuti ma kellhom jagħtu xejn lil Pullicino fiż-żmien li l-atturi mexxew l-azzjoni tagħhom......... Din hija raġuni oħra biex ma tiġix applikata l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi li tagħti l-imsemmija azzjoni diretta u personali lill-lokatur ta' l-opra sas-somma biss li l-kommittent ikollu jagħti lill-appaltatur fiż-żmien li l-lokatur ta' l-opra jmexxi l-azzjoni............;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenuti mit-talbiet dedotti kontra tagħhom, bl-ispejjeż; salva għall-atturi kull azzjoni oħra kontra min skond il-liġi, "si et quatenus".